Parroċċa Qalb bla tebgħa ta’ Marija

Burmarrad

Nº: 13/17

**AVVIŻI**

**26 ta’ Marzu 2017**

Illum l-aħħar Ħadd tax-xahar issir il-ġabra speċjali għall-bżonnijiet tal-parroċċa.

Mil-lum sat-28 ta’ Ottubru il-quddiesa ta’ filgħaxija tibda fis-7pm.

Nhar il-Ġimgħa 31 ta’ Marzu fis-7pm issir Ċelebrazzjoni Penitenzjali fil-Knisja. Huwa xieraq li nħejju ruħna għall-Festi tal-Għid billi niċċelebraw kif jixraq is-sagrament tal-qrar. Wara ċ-ċelebrazzjoni l-Knisja tibqa’ miftuħa għal min ma jkunx laħaq iqerr.

Nhar is-Sibt l-1 ta’ April isir id-dramm tal-passjoni “Sejjaħli” fil-Knisja fis-7pm. Għaldaqstant il-quddiesa tkun fis-6.15pm. Din hija okkażjoni biex nieqfu u ngħixu mill-ġdid il-passjoni ta’ Ġesù marbuta ma’ storja mill-ħajja ta’ kuljum. Dħul b’xejn. Inħeġġukom tkunu preżenti.

Minn nhar it-Tnejn 3 ta’ April tibda ġimgħa ta’ eżerċizzi spiritwali b’temi marbutin mad-dramm Sejjaħli.